## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

### GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMHA 5 TA' APRIL, 2002

**Avviz Nru: 438/02 AJD**

**DHL International Limited**

**vs**

**Terranet Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Frar, 2002, fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tnejn u hamsin lira Maltin (Lm352.00) rapprezentanti d-dazju u l-VAT imhallsa mis-socjeta' attrici ghan-nom tas-socjeta' konvenuta u dan wara li s-socjeta' attrici garret merkanzija tas-socjeta' konvenuta fuq struzzjonijiet tal-istess socjeta' konvenuta. Is-socjeta' konvenuta kienet interpellata diversi drabi izda baqghet inadempjenti.
Bl-ispejjes, kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra n-nota ta' ammissjoni tas-socjeta' konvenuta li permezz taghha ammettiet it-talbiet attrici kif dedotti fl-avviz tat-talba.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tnejn u hamsin liri Maltin (Lm352.00).

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**